



Il-Qorti Ġenerali tikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-għajjnuna għas-salvataġġ ta' EUR 36 660 000 mogħtija mir-Rumanija lill-kumpannija tal-ajru TAROM

Din l-għajjnuna hija kompatibbli mas-suq intern, għaliex hija intiża li tevita t-tbatija soċjali li tista' tirriżulta minn interruzzjoni tas-servizzi ta' TAROM għall-konnettività tar-reġjuni Rumani

Fid-19 ta' Frar 2020, ir-Rumanija kkomunikat lill-Kummissjoni Ewropea pjan ta' għajjnuna għas-salvataġġ ta' TAROM, kumpannija tal-ajru Rumena prinċipalment attiva fit-trasport nazzjonali u internazzjonali ta' passiġġieri, ta' merkanzija u ta' posta. Il-miżura kkomunikata kienet komposta minn self għall-finanzjament tal-bżonnijiet ta' likwidità ta' TAROM għal ammont ta' madwar EUR 36 660 000, li għandu jitħallas lura fi tmiem perijodu ta' sitt xhur bil-possibbiltà ta' fhas lura parzjali antiċipat.

Mingħajr ma fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE, il-Kummissjoni kklassifikat, permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Frar 2020 ¹, il-miżura kkomunikata bħala għajjnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern abbażi tal-Artikolu 107(3)(c) TFUE u tal-Linji gwida dwar l-għajjnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà ².

Il-kumpannija tal-ajru Wizz Air Hungary Zrt. (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti") ippreżentat rikors għall-annullament ta' din id-deċiżjoni, **li qiegħed jiġi miċħud** mill-Għaxar Awla Estiża tal-Qorti Ġenerali. Fis-sentenza tagħha l-Qorti tipprovdi preċiżazzjonijiet dwar l-eżami tal-kompatibbiltà ta' għajjnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturazzjoni mas-suq intern fid-dawl tar-rekwiżit, previst fil-Linji gwida, li jgħid li tali għajjnuna għandha tikkontribwixxi għal għan ta' interess komuni. Il-Qorti Ġenerali tanalizza wkoll, għall-ewwel darba, ir-rekwiżit "tal-ewwel u tal-aħħar darba" tal-għajjnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturazzjoni ta' impriżi f'diffikultà, previst f'dawn l-istess linji gwida.

L-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali

Il-Qorti Ġenerali tiċħad, fl-ewwel lok, il-motivi għal annullament ibbażati fuq żball ta' liġi allegatament imwettaq mill-Kummissjoni meta ddeċidiet li ma tiftaħx il-proċedura ta' investigazzjoni formali, minkejja d-dubji li hija kellu jkollha fil-kuntest tal-evalwazzjoni preliminari tal-kompatibbiltà tal-għajjnuna kkomunikata mas-suq intern.

F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti b'mod partikolari sostniet li l-konstatazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajjnuna kkomunikata mas-suq intern kienet tmur kontra tnejn mir-rekwiżiti previsti mil-linji gwida sabiex għajjnuna għas-salvataġġ favur impriża f'diffikultà tkun tista' titqies kompatibbli mas-suq intern, jiġifieri 1) ir-rekwiżit li miżura ta' għajjnuna għandha tikkontribwixxi għal għan ta' interess komuni u 2) ir-rekwiżit "tal-ewwel u tal-aħħar darba" tal-għajjnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturazzjoni. Skont ir-rikorrenti, in-nuqqas ta' osservanza tal-imsemmija rekwiżiti juri d-dubji li kellhom iwasslu l-Kummissjoni tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali.

¹ Deċiżjoni C(2020) 1160 finali tal-Kummissjoni tal 24 ta' Frar 2020 dwar l-għajjnuna mill-Istat SA.56244 (2020/N) – Rumanija – Għajjnuna għas-salvataġġ ta' TAROM (ĠU 2020, C 310, p. 3).

² Linji gwida dwar l-għajjnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà (ĠU 2014, C 249, p. 1, iktar 'il quddiem il-"Linji gwida").

Qabel kollox, il-Qorti Ġenerali tfakkar li, meta għajnuna kkomunikata tqajjem dubji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern, il-Kummissjoni għandha l-obbligu li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali.

Wara dan, fir-rigward tal-ewwel rekwiżit applikabbli għall-għajnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturazzjoni li tiegħu ġie invokat il-ksur, jiġifieri dak li l-miżura għandu jkollha għan ta' interess komuni, il-Qorti Ġenerali tosserva li mill-punt 43 tal-Linji gwida jirriżulta li, sabiex tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern abbażi tal-Linji gwida, l-għajnuna kkomunikata għandu jkollha għan ta' interess komuni, sa fejn din ikollha l-għan li tipprevjeni t-tbatija soċjali jew tindirizza l-falliment fis-suq. Dan huwa kkonfermat mill-punt 44 ta' dawn il-linji gwida, li jipprevedi li l-Istati Membri għandhom juru li l-falliment tal-benefiċjarju x'aktarx jinvolvi tbatija soċjali serja jew il-falliment gravi tas-suq, billi juru, b'mod partikolari, li jeżisti riskju ta' interruzzjoni ta' servizz importanti li jkun diffiċli li jiġi rreplikat u fejn ikun diffiċli li kompetitur jiżgura dan is-servizz minflok il-benefiċjarju.

Skont il-Qorti Ġenerali, mill-imsemmija punti tal-Linji gwida jirriżulta li, għalkemm l-Istat Membru kkonċernat għandu juri li l-għajnuna għandha l-għan li tipprevjeni t-tbatija soċjali jew tindirizza l-falliment fis-suq, **ma huwiex obligat li jstabbilixxi li, fl-assenza tal-miżura ta' għajnuna, ser ikun hemm neċessarjament ċerti konsegwenzi negattivi, iżda biss li jeżisti r-riskju li dawn iseħħu.**

F'dak li jirrigwarda l-kwistjoni ta' jekk il-Kummissjoni kellux ikollha dubji dwar l-eżistenza ta' riskju li, fl-assenza tal-miżura ta' għajnuna kkomunikata, ser ikun hemm tbatija soċjali jew falliment fis-suq jew dwar il-fatt li din il-miżura hija intiża li tevita li dawn iseħħu jew li tindirizzahom, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li, fid-dawl tal-istat ta' ħażin tal-infrastrutturi tat-toroq u tal-ferrovija fir-Rumanija, il-Kummissjoni kienet iġġustifikata li tqis li **l-konnettività reġjonali permezz ta' konnessjonijiet tal-ajru interni u l-konnettività internazzjonali żgurati minn TAROM jikkostitwixxu servizz importanti li l-interruzzjoni tiegħu kienet tirriskja li tinvolvi tbatija soċjali serja jew tikkostitwixxi falliment fis-suq, fis-sens tal-punt 44(b) tal-Linji gwida.**

F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali tispeċifika, barra minn hekk, li, għalkemm, waqt l-eżami tal-eżistenza u tal-legalità ta' għajnuna mill-Istat, jista' jkun neċessarju li l-Kummissjoni, jekk ikun il-każ, tmur lil hinn mill-eżami biss tal-punti ta' fatt u ta' liġi miġjuba għall-għarfien tagħha, madankollu, minn dan ma jstax jiġi dedott li hija għandha ffitex, fuq inizjattiva tagħha stess u fin-nuqqas ta' kull indizju f'dan is-sens, l-informazzjoni kollha li tista' tippreżenta rabta mal-kwistjoni mressqa quddiemha, minkejja li tali informazzjoni hija ta' dominju pubbliku.

Fid-dawl ta' dawn il-preċiżazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali, filwaqt li teżamina d-diversi argumenti sostnuti mir-rikorrenti, tiddeċiedi li dawn l-argumenti ma humiex ta' natura li jikkonfutaw l-analiżi tal-Kummissjoni li tikkonferma kemm l-importanza ta' TAROM għall-konnettività tar-reġjuni Rumani kif ukoll l-impatt kunsiderevoli li l-falliment tagħha jista' jkollu fuq dawn ir-reġjuni. Minn dan isegwi li **l-Kummissjoni setgħet, mingħajr ma jkollha dubji, tiddeċiedi unikament fuq din il-bażi li l-għajnuna kkomunikata kienet tissodisfa r-rekwiżiti** previsti fil-punti 43 u 44 tal-Linji gwida.

Fl-aħħar, f'dak li jirrigwarda t-tieni rekwiżit applikabbli għall-għajnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturazzjoni li tiegħu r-rikorrenti invokat il-ksur, jiġifieri dak "tal-ewwel u tal-aħħar darba", il-Qorti Ġenerali tfakkar li, skont il-punt 70 tal-Linji gwida, tali għajnuna għandha tingħata lill-impriżi f'diffikultà għal operazzjoni waħda biss ta' ristrutturazzjoni. F'dan il-kuntest, il-punt 71 tal-Linji gwida jipprevedi, b'mod partikolari, li, meta impriża tkun diġà bbenefikat minn għajnuna għas-salvataġġ jew għar-ristrutturazzjoni, il-Kummissjoni tista' tawtorizza għajnuna ġdida biss jekk ikunu għaddew minn tal-inqas għaxar snin (1) mill-għoti tal-għajnuna preċedenti, (2) minn meta jintemm il-perijodu ta' ristrutturazzjoni preċedenti jew (3) minn tmiem l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturazzjoni preċedenti.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tosserva li, għalkemm TAROM kienet ibbenefikat sal-2019 mill-implimentazzjoni ta' għajnuna għar-ristrutturazzjoni fil-forma ta' self u ta' diversi garanziji relatati ma self ieħor sottoskritt minnha, xorta jibqa' l-fatt li din l-għajnuna kienet ingħatat bejn l-1997 u l-2003 u li l-garanziji ta' self kienu kollha ġew użati immedjatament hekk kif ingħataw. Sa fejn it-trasferiment effettiv tar-riżorsi ma huwiex deċiżiv sabiex tiġi ddeterminata d-data tal-għoti tal-

għajjnuna, l-ewwel każ previst fil-punt 71 tal-Linji gwida, jiġifieri l-mogħdija ta' terminu ta' mill-inqas għaxar snin mid-data tal-għoti tal-għajjnuna għar-ristrutturazzjoni preċedenti, kien, b'konsegwenza ta' dan, stabbilit.

F'dak li jirrigwarda t-tieni u t-tielet każ previsti fil-punt 71 tal-Linji gwida, jiġifieri l-mogħdija ta' perijodu ta' mill-inqas għaxar snin minn tmiem il-perijodu ta' ristrutturazzjoni preċedenti u minn tmiem l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturazzjoni preċedenti, il-Qorti Ġenerali tosserva li **l-kunċett ta' "perijodu ta' ristrutturazzjoni" jirreferi l-perijodu li matulu jittieħdu l-miżuri ta' ristrutturazzjoni**, li huwa, bħala prinċipju, differenti minn dak li matulu tiġi implimentata miżura ta' għajjnuna mill-Istat li takkumpanja dawn il-miżuri. Issa, bi ksur tal-oneru tal-prova impost fuqha f'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ma pproduċiet l-ebda prova jew indizju li l-perijodu ta' ristrutturazzjoni preċedenti kien intemm inqas minn għaxar snin qabel l-għoti tal-miżura ta' għajjnuna kkomunikata.

F'dak li jirrigwarda l-kunċett ta' "pjan ta' ristrutturazzjoni", il-Qorti Ġenerali tispeċifika, barra minn hekk, li l-fatt li għajjnuna għar-ristrutturazzjoni tkun marbuta ma' pjan ta' ristrutturazzjoni ma jfissirx li, bħala tali, din l-għajjnuna tiffirma parti mill-pjan ta' ristrutturazzjoni, sa fejn l-eżistenza ta' dan tal-aħħar tikkostitwixxi, bil-kontra ta' dan, kundizzjoni essenzjali sabiex tali għajjnuna tkun tista' titqies kompatibbli mas-suq intern. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali tiċħad ukoll l-argument tar-rikorrenti li jgħid li l-fatt li l-għajjnuna għar-ristrutturazzjoni mogħtija lil TAROM bejn l-1997 u l-2003 kienet ġiet implimentata sal-2019 ifisser li anki l-pjan ta' ristrutturazzjoni, li kien marbut ma' din l-għajjnuna, baqgħa fis-seħħ sal-2019.

Fid-dawl ta' dak li ġie espost iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali tiċħad ukoll l-ilmenti tar-rikorrenti bbażati fuq il-fatt li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li ma tiftaħx il-proċedura ta' investigazzjoni formali minkejja d-dubji li hija kellu jkollha fil-kuntest tal-evalwazzjoni preliminari tar-rekwiżit "tal-ewwel u tal-aħħar darba" tal-għajjnuna għas-salvataġġ għar-ristrutturazzjoni.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali **tiċħad** il-motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni impost fuq il-Kummissjoni u, b'konsegwenza ta' dan, **ir-rikors fit-totalità tiegħu**.

NOTA: Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinholq bl-annullament tal-att.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355